*Għawdex Qabel ir-Ritratti (36)* — *minn* **JOHN CREMONA**

# *Għerq Sinjur*

Fost l-aktar affarijiet li poġġew lil Għawdex fuq il-mappa tad-Dinja tas-seklu tmintax kien bla dubju ta' xejn l-Għerq Sinjur, pjanta rari li tikber fuq il Ġebla tal Ġeneral fid Dwejra. Dwar din il-pjanta kitbu diversi awturi qodma bħal Ġian Franġisk Abela, Ġann Franġisk Bonamico, il-Konti Ciantar u naturalment Agius de Soldanis fost l-oħrajn.

F'din is-sensiela irreferejt spiss għall-kitbiet ta' dan l-Għawdxi għaliex minkejja d-difetti li jista' jkollu fil-mod kif jitratta xi suġġetti, madanakollu żgur li ebda kittieb ieħor ma kiteb b'imħabba ġenwina lejn art twelidu, Għawdex.



Fl-istorja manuskritta tiegħu dwar Għawdex, għandu taqsima sħiħa dwar din il-pjanta rari u li kienet meqjusa li għandha kwalitajiet uniċi li jfejqu diversi tipi ta' mard. Madanakollu, De Soldanis jibda' din it-taqsima fuq nota patrijottika għall-aħħar. Huwa jgħid li kull pajjiż fid-Dinja għandu xi ħaġa partikolari li ma ssibha f'ebda pajjiż ieħor. Huwa jgħid li Għawdex għandu l-Għerq Sinjur għalkemm l-isem popolari fost l-istudjużi huwa 'Fungus Melitensis'. De Soldanis ma għoġbitux din l-affari li l-aktar ħaġa importnati issemmiet għal Malta kif għal Malta wkoll issemmew il-fossili popolari bħal ilsien San Pawl u għajnejn is-serp għalkemm dawn l-aktar li kienu jinstabu kienu f'Għawdex. De Soldanis jibqa' jgerger dwar dan fejn jgħid li "*L-istess jiġri fuq dan l-Għerq Sinjur li jinbet f'Għawdex, fuq daqsxejn ta' skoll; dan jiġi msejjaħ Malti, waqt li għandu aktarx msejjaħ Għawdxi. U dan biss?*".

Sfortunatament de Soldanis ma ħallielna ebda stampa jew disinn ta' din il-pjanta għalkemm jiddeskrivi fid-dettall il-kompożizzjoni tagħha, fejn u meta tikber, kif tinġabar u kif tintuża bħala mediċina. Ma' dan l-artiklu allura qiegħed inġib inċiżjoni ta' din il-pjanta li jġib Louis de Boisgelin fil-ktieb tiegħu '*Ancient and Modern Malta*' stampat minn G&L Robinson f'Londra bid-data ta' l-1 ta' Mejju 1804.

L-inċiżjoni hija interessanti għax fejn fil-parti l-kbira ta' l-inċiżjonijiet li ppubblika Boisgelin dawn ħadhom minn fuq il-ktieb ta' Jean Houel li dwaru tkellimt bosta drabi f'dawn l-artikli, f'dan il-kas ippubblika diversi partijiet ta' din il-pjanta li ma nsibuhom fl-ebda pubblikazzjoni oħra. Fil-fatt l-inċiżjoni turi l-pjanta meta tkun qed tikber, meta ssir miksija bi fjuri żgħar, kif ukoll diversi partijiet tal-pjanta. L-inċiżjoni hija mmarkata bħala Plate XI u għandha qisien ta' 268 x 210 mm. Ma nafux min kien l-awtur tagħha.

Llum nafu li ħafna mill-propjetajiet mediċinali li kienu jaħsbu li kellha din il-pjanta, uħud minnhom mirakolużi ma kienu hekk xejn. Llum, għalkemm nafu li tikber f'xi postijiet oħra xorta hija pjanta rari ħafna u waħda mill-akbar popolazzjonijiet tagħha jinstabu fuq il-Ġebla tal-Ġeneral. Għal dan il-għan il-Ġebla tal-Ġeneral illum hija sit protett u fuqha jistgħu jitilgħu biss persuni għal raġunijiet ta' riċerka.